31984R0896

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 896/84
tal-31 ta' Marzu 1984
li jistabbilixxi dispożizzjonijiet addizzjonali rigward il-konċessjoni tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 856/84 [2], u b'mod partikolari Artikolu 17(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 876/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 li jistabbilixxi regoli ġenerali sabiex jiġu konċessi rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib u l-kriterji li jiffissaw l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2429/72 [4], u b'mod partikolari Artikolu 6(3) tiegħu;

Billi, skond ir-Regolament (KEE) Nru 876/68, ir-rifużjonijiet fuq il-prodotti mniżżla fil-lista f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, esportati mingħajr iktar ipproċessar, iridu jiġu ffissati filwaqt li jitqiesu ċerti fatturi; billi wieħed minn dawn il-fatturi huwa l-prezz tal-prodotti mill-ħalib fis-suq Komunitarju;

Billi, fejn il-prezzijiet ta' l-intervent tal-prodotti mill-ħalib jiġu miżjuda fil-bidu ta' sena ġdida tal-ħalib, il-prezzijiet tal-prodotti mill-ħalib fabbrikati wara din id-data jiġu normalment affettwati biż-żieda fil-prezzijiet ta' l-intervent; billi f'dan il-każ jista jinħtieġ li jiżdiedu r-rifużjonijiet; billi meta l-prezzijiet ta' l-intervent għall-prodotti mill-ħalib jiġu mnaqqsa fil-bidu ta' sena ġdida tas-suq tal-ħalib, il-prezzijiet tal-prodotti mill-ħalib jistgħu jiġu affettwati hekk illi jkun meħtieġ li jitnaqqsu r-rifużjonijiet; billi, madankollu, jista' jkun approprjat li tiġi ristretta l-applikazzjoni tar-rifużjonijiet il-ġodda għall-prodotti mill-ħalib iffabbrikati matul is-sena l-ġdida tal-ħalib; billi għal din ir-raġuni ir-rifużjoni fuq prodott imsemmi u għall-istess destinazzjoni jista' jiddiferixxi skond id-data tal-fabbrikazzjoni tal-prodott involut;

Billi għandu għalhekk jiġi mħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1420/83 [5] tat-2 ta' Ġunju 1983 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet addizzjonali li jirrigwardaw il-konċessjoni ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Ħalib u tal-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Meta jiġu ffissati żewġ rifużjonijiet għal oġġett imsemmi u għall-istess destinazzjoni fil-bidu ta' sena ġdida tal-ħalib, il-konċessjoni tar-rifużjoni iktar għolja tista' tingħata bil-kondizzjoni li tinġieb il-prova illi l-prodott esportat kien iffabbrikat matul is-sena l-ġdida tal-ħalib u l-konċessjoni tar-rifużjoni iktar baxxa tista' tingħata bil-kondizzjoni li tinġieb il-prova illi l-prodott esportat kien iffabbrikat qabel il-bidu tas-sena l-ġdida tal-ħalib.

Fil-każ tal-prodotti li jidħlu fis-subintestatura 04.03 B jew *ex* 23.07 B tat-Tariffa Komuni Doganali, tista' tinħtieġ prova b'żieda ma ta' hawn fuq jew minflokha:

— illi l-butir jew il-krema użati bħala materja prima għall-fabbrikazzjoni tal-prodotti li jidħlu fis-subintestatura 04.03 B,

— illi l-ħalib xkumat jew it-trab tal-ħalib xkumat inkorporati fil-prodotti li jidħlu fis-subintestatura *ex* 23.07 B,

kienu ffabbrikati matul il-perjodu taż-żmien fil-kwistjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa li jirrigwardaw id-dokumenti ta' appoġġ li jistgħu jintużaw bħala l-prova riferita fil-paragrafu 1 u l-miżuri rilevanti ta' kontroll.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1420/83 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mit-2 ta' April 1984.

(1) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
(2) ĠU L 90, ta' l-1.4.1984, p. 10.
(3) ĠU L 155, tat-3.7.1968, p. 1.
(4) ĠU L 264, tat-23.11.1972, p. 1.
(5) ĠU L 145, tat-3.6.1983, p. 12.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Marzu 1984.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni